# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 29/2015 BS**

**JS**

**-vs-**

**SS,**
**f'isimha proprju u, ai termini tad-digriet tal-21 ta' Jannar, 2016**
**ukoll bħala kuratriċi ta' bintha minuri**
**MS,**
**u;**
**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur[1] illi ppremetta:**

1. Peress illi l-esponenti żżewweġ lill-intimata SS fit-tmintax (18) ta' Settembru, 1999 u dan iż-żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Għawdex bin-numru progressiv mija tnejn u għoxrin tal-istess sena (122/1999) u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

2. Peress illi waqt iż-żwieġ tal-partijiet, il-konvenuta welldet, fost oħrajn, lil MMCS fl-għaxra (10) ta' Novembru elfejn u sebgħa (2007), u għalhekk din it-tifla għadha llum minorenni;

3. Peress illi ċ-ċertifikat tat-twelid tagħha ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku għal Ghawdex bin-numru progressiv mitejn ħamsa u sittin tal-elfejn u sebgħa (265/2007) liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

4. Peress illi l-esponenti ġie infurmat minn ibnu ta' tlettax(13)-il sena bl-isem ta' K illi din it-tifla M mhijiex il-bint naturali tal-esponenti, u kkonferma dan stante illi minn DNA test li sar ġie posittavament [sic] eskluż il-possibilità illi huwa missierha u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. C;

5. Peress illi l-esponenti ma jridx jibqa' aktar indikat bħala missier il-minuri fuq ic-certifikat tat-twelid u jrid jichad lill-minuri bħala bintu naturali;

6. Peress illi l-esponenti ġie awtorizzat jipproċedi b'din il-kawża b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru, 2015, digriet numru tnejn u disgħin tas-

[1] A fol 1 sa 12.

sena elfejn u hmistax (92/2015), kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata bħala Dok. D;[2]

7. Peress illi effettivament l-esponenti mantna lit-tifla għal seba' (7) snin sħaħ b'mod inġustifikat;

**Talab għalhekk lill din il-Qorti sabiex:**

i. Tiddikjara illi l-minuri MMCS mhijiex il-bint naturali ta' l-attur [sic] u li l-attur mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri;

ii. Konsegwentement tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jħassar minn fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri MMCS bin-numru progressiv mitejn ħamsa u sittin tal-elfejn u sebgħa (265/2007) fil-kolonna li tirreferi għal isem u kunjom il-missier l-isem 'JS'; il-karta tal-identità tiegħu '*****G'; l-età tiegħu '30'; il-post ta' twelid tiegħu 'Victoria (Għawdex), Malta'; ir-residenza tiegħu 'Victoria (Għawdex), Malta' u isem u kunjom missieru 'AS (alive)' jiġu kkanċellati u minflok jniżżel [sic] 'missier mhux magħruf', kif ukoll tordna kull modifika oħra in vista ta' l-ewwel [sic] talba u jekk meħtieg f'kull att ieħor relattiv u sussegwenti;

iii. Tillikwida dik is-somma li l-Onorabbli Qorti jid[h]rilha xierqa u opportuna li l-esponenti ħareġ minn butu b'mod inġustifikat sabiex mantna lil[l-]minuri MMCS ta' sebgħa [sic] (7) snin;

iv. Konsegwentement tikkundanna lil[l-]konvenuta tirrifondi lil[l-]attur dak l-ammont hekk likwidat.

---

[2] A fol 8.

Bl-ispejjeż inkluż dawk tat-test xjentifiku li sar nhar it-tnejn (2) ta' Lulju, 2015 kontra l-konvenuti jew min minnhom illi huma minn issa [i]nġunti in subizzjoni.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attur;**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta SS[3] illi eċċepiet:**

1. ILLI in linea preliminari n-nullità tar-rikors ġuramentat ai termini tal-artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 stante li l-azzjoni attriċi hi msejsa fuq aktar minn kawżali waħda separati u distinti minn xulxin, u ċjoè talba li biha l-attur qed jitlob li jiddiskonoxxi lil bintu minuri MS allegatament konċepita minn relazzjoni extra-konjugali, u talba għall-likwidazzjoni [sic] u konsegwentement kundanna għal[l]-ħlas ta' somma flus f'rifużjoni minħabba li mantna lil din il-minuri għal dawn l-aħħar sebgħa [sic] snin, u dan bi preġudizzju tad-dritt tal-esponenti li tiddefendi ruħha kif jixraq minn dak li qed tiġi mixlija bih mill-attur. Dan in vjolazzjoni tal-prinċipju kardinali *electam una via non datum recursus ad alteram*;

2. ILLI nonostante l-prova ġenetika li l-attur jista' għandu biex juri li huwa mhuwiex il-missier naturali u bijoloġiku tat-tarbija MS, l-inammissibilità tal-azzjoni attriċi billi hija vjetata mill-artikolu 81(1) u (2) tal-Kap. 16 li jipprovdi li "(1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att", u "(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu". Hu ovvju li b'din id-dispożizzjoni l-liġi tissubordina l-presunzjoni tal-paternità għall-presuppost ulterjuri li t-tifel huwa dikjarat bħala leġittimu

[3] A fol 22 sa 23.

fl-att tat-twelid tiegħu u għandu pussess ta' stat li jaqbel ma' dan l-att (Prim'Awla, Penelope Lee pro et noe vs Joseph Agius et, deċiża fil-31 ta' Jannar, 2003);

3. ILLI rigward it-talbiet għall-likwidazzjoni [sic] u ħlas lura ta' somma flus bħala rifużjoni ta' ħlasijiet li l-attur ħallas b'mod inġustifikat skont hu, f'manteniment ghall-minuri MS, dawn it-talbiet huma wkoll infondati fid-dritt u fil-fatt, u għandhom jiġu miċħuda wkoll, bl-ispejjeż. Wara kollox bħala l-persuna li għandha l-paternità legali tat-tarbija u kien aċċettaha bħala bintu kien obbligu tiegħu taħt il-ligi li jipprovdi għall-manteniment ta' din bintu minuri.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuta SS;**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Dr Kevin Mompalao bħala kuratur deputat tal-minuri MS[4] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-prova ta' denegata paternità għandha tkun waħda konklussiva u dan għal ġid ta' l-istess [sic] minuri u din l-Onorabbli Qorti hija mitluba sabiex ai termini tas-subartikolu 3 ta' l-artikolu [sic] 70 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) tistieden lill-partijiet sabiex jagħmlu dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji sabiex jiġi stabilit jekk l-attur hux il-missier naturali tal-minuri;

2. ILLI kemm il-darba [sic] jirriżulta b'mod xjentifiku u ċar illi l-missier naturali tal-minuri ma hux l-attur, l-esponenti bħala kuratur tal-minuri ma' [sic] jsib l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet ta' l-attur [sic]. B'dan illi l-minuri għandha kemm jista['] jkun tkun ħielsa minn kull konsegwenza li jista jġib magħha dan l-istatus inkluż il-bdil

[4] A fol 24 sa 25.

fil-kunjhom [sic] li għandu jibqa['] kif inhu bħala ta' l-omm [sic], u dan sabiex ma jkollux riperkussjonijiet fuq il-minuri speċjalment fl-iskola fejn tattendi;

3. ILLI l-esponenti qua kuratur tal-minuri ma' [sic] għandu xejn xi jgħid dwar it-tielet talba iżda din l-Onorabbli Qorti hi mitluba li tikkonsidra jekk tali talba jistax ikollha effetti negattivi fuq il-minuri;

4. ILLI salv dak li fuq ingħad, l-esponenti ma' [sic] huwiex edott mill-bqija tal-fatti u għaldaqstant jirrimetti ruħu għal provi miġjuba;

5. ILLI din ir-risposta qed issir u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament mill-avukat Dr. Kevin Mompalao maħtur kuratur tal-minuri MMCS li għandu konoxxenza tal-fatti fuq esposti.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-kuratur deputat l-Avukat Dr Kevin Mompalao;**

**Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex[5] illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti mhux edott mill-fatti u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. ILLI kwalunkwe' [sic] realtà bijoloġika waħedha m'għandha qatt tipprevali fuq preżunzjoni legali li hija bbażata fuq realtà familjari u soċjali li hi kompatibbli mal-pussess ta' stat. Illi għalhekk, għalkemm test xjentifiku jista' jagħti konklużjonijiet pjuttost konklussivi; però waħdu dan b'ebda mod ma' [sic] għandu jitqies li jista' jxejjen il-konklużjoni

[5] A fol 26 sa 27.

kuntrarja li tkun intlaħqet b'evidenza oħra bħal dik indikata fl-Artikolu 80 tal-Kodiċi Ċivili;

3. ILLI nonostante, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponenti [sic] u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

4. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex;**

**Fliet l-atti;**

**Rat** iċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri MMCS[6];

**Rat** ir-riżultat tat-test xjentifiku tal-paternità data it-tnejn (2) ta' Lulju, 2015[7];

**Rat** li b'digriet tagħha kif diversament presjeduta din il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Avukat Dr Kevin Mompalao bħala kuratur nominat tal-minuri MS u minflok issostitwiet lill-istess bil-konvenuta SS[8];

**Rat** in-nota ta' referenzi tal-attur[9];

**Rat** illi l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tan-nullità tal-kawża ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12 kif imqajma mill-konvenuta SS ġiet miċħuda b'sentenza preliminari mogħtija

[6] A fol 5.
[7] A fol 6 sa 7.
[8] Digrieti a fol 15 u a fol 21.
[9] A fol 29 sa 36.

nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju, 2016 bl-ispejjeż baqgħu riżervati għas-sentenza finali[10];

**Rat** li l-attur u l-konvenuta SS kienu qed jesploraw il-possibiltà ta' transazzjoni[11] li però ġiet abbandunata[12];

**Rat** li fl-udjenza tal-erbatax (14) ta' Lulju, 2021 l-attur iddikjara l-istadju tal-provi tiegħu magħluq[13];

**Rat** li fl-udjenza tad-disgħa u għoxrin (29) ta' April, 2022 il-konvenuta SS ddikjarat l-istadju tal-provi tagħha magħluq u l-kawża ġiet differita għall-kontroeżamijiet[14];

**Rat** li fl-udjenza tal-wiehed u għoxrin (21) ta' Lulju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-kontroezamijiet eżawriti u l-kawża ġiet differita għall-preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet u għal-lum għas-sentenza[15];

**Rat** l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat** in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[16];

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

---

[10] Rik. Ġur. Nru. 29/2015 PC, sentenza preliminari mogħtija fl-ismijiet ta' din l-istanza nhar il-25 ta' Mejju, 2016, in atti a fol 39 sa 45.
[11] Verbal a fol 48.
[12] Verbal a fol 66.
[13] Verbal a fol 104.
[14] Verbal tad-29 ta' April, 2022.
[15] Verbal tal-21 ta' Lulju, 2022.
[16] Ippreżentati; tal-attur nhar il-5 ta' Awwissu, 2022 u tal-konvenuta SS nhar il-5 ta' Settembru, 2022.

**Dr Marisa Cassar,** xehdet bil-proċedura tal-affidavit illi hija ġiet inkarigata mill-attur sabiex tagħmel test tad-DNA fuq suspett li kellu rigward jekk il-minuri MS kinitx wild naturali tiegħu. Tgħid li hija ġabret kampjuni tal-minuri kif ukoll l-attur minn fejn irriżulta li l-attur mhux il-missier naturali tal-minuri u dan kif spjegat fir-rapport tagħha a fol 89 sa 90.[17]

**MS**, omm l-attur, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[18] Tiddikjara li binha żżewweġ lill-konvenuta SS u dawn l-ewwel kellhom wild tifel, K, imbagħad twieldet tifla, M. Tgħid li K qal lill-missieru li xi ħadd kien qallu li M mhux vera oħtu. Tgħid li hemm bdew is-suspetti ta' binha l-attur u għalhekk iddeċieda li jagħmel test tal-paternità. Tgħid li qabel sar it-test tal-paternità binha l-attur dejjem mantna lill-minuri M.

**In kontroeżami**[19] xehdet illi dak li xehdet fl-affidavit hi saret tafu mingħand binha l-attur. Tgħid li ma taf xejn aktar. Tgħid li qabel daħal l-isptar, binha l-attur kien għadu jaraha lil minuri M u hi kienet tkun trid tarah ukoll. Tgħid li M issaqsi għalih bħala missierha ("id-daddy") u tirreferi għalija bħala n-nanna. Tgħid li hi għadha tħobbha lil M u muġugħa b'li ġara. Tgħid li hija tqies lilha nfisha bħala n-nanna ta' M.

**JS**, l-attur, ukoll xehed bil-proċedura tal-affidavit.[20] Iddikjara illi huwa żżewweġ lill-konvenuta S matul liema żwieġ twiled tifel, K, u wara tifla, M. Jgħid li maż-żmien ra bidla fil-konvenuta S sa ma din darba fost l-oħrajn ippakjat u telqet mid-dar. Jgħid li tul iż-żmien huwa dejjem mantna kemm lil K kif ukoll lil M. Jgħid li darba, K qallu li xi ħadd qallu li M mhux tiegħu imma ta' raġel ieħor. Jgħid li għal bidu huwa qal lil K jiskot u ma jirripetix dan id-diskors. Jgħid iżda li ibnu K insista tant li ġie konvint jagħmel test tal-paternità. Jgħid li min dan it-test ħareġ li huwa tassew ma

[17] L-istess rapport esibit mar-Rikors Ġuramentat a fol 6 sa 7.
[18] A fol 92.
[19] Ta' nhar il-21 ta' Lulju, 2022.
[20] A fol 95 sa 96.

kienx missier M. Jgħid li meta l-konvenuta S telqet mid-dar it-tifel K baqa' miegħu mentri lil M baqa' jara kuljum u ma kien iħallihom nieqsa minn xejn. Jgħid li lil M rabbieha mindu twieldet u ċjoè mill-għaxra (10) ta' Novembru, 2007 sa cirka meta rċieva r-rapport tat-test tal-paternità, ossia, sa cirka t-tnejn (2) ta' Lulju, 2015. Jgħid li huwa ma żammx riċevuti tal-infiq rigward M għax din kien iqisha bintu. Jgħid li qiegħed però jitlob is-somma ta' tletin elf sitt mija u sittin ewro (€30,660) b'kalkolu ta' nfiq ta' tnax(12)-il ewro kuljum għal seba' (7) snin.

**In kontroeżami**[21] xehed illi wara t-twelid ta' K huwa u l-konvenuta S kien għad ikollhom relazzjonijiet intimi. Jgħid li tul iż-żwieġ mal-konvenuta S kellu problemi ta' xorb. Jaqbel li kienu saru rapporti mal-pulizija iżda ma jiftakarx għaliex. Jgħid li rrikorra għat-test tal-paternità wara kliem li qallu ibnu K rigward M. Jgħid li huwa lil M ma kienx iħalliha nieqsa. Jgħid li K qallu li M mhux tiegħu meta M kellha forsi sentejn (2) jew tlieta (3). Jgħid li l-vizzju tax-xorb iggrava minn dakinhar. Jgħid li dak iż-żmien kien anke jpejjep xi żewg (2) pakketti sigaretti kuljum. Jgħid li l-konvenuta S dejjem ħadmet. Iżid, però, li kull ma kien jaqla' huwa min xogħlu kien jagħtih lil S. Jgħid li l-paga tiegħu kienet tmur dirett il-bank bil-card tal-bank (*cashlink*) kienet f'idejn S. Jgħid li kienet tieħu ħsieb hi tant li anke lilu kienet ittih xi ħaġa hi milli tiġbed mill-kont tiegħu. Jgħid li hi minn dejjem kienet taħdem għax bieżla. Jgħid li huwa lil M mantnieha għax kien jaħseb li hija tiegħu. Jgħid li s-somma li qed jitlob tirrifletti dak li nefaq sabiex mantna lil M. Jgħid li fil-kalkolu li għamel l-anqas inkluda ħwejjeġ għax kieku kien jitla' aktar.

**Marcell Tabone**, in rapprezentanza ta' *Jobs Plus*, xehed[22] dwar l-impjieg tal-attur u ppreżenta dokument li juri x-xogħlijiet li kellu l-istess attur mill-2007 sal-2020.[23]

[21] Ta' nhar il-21 ta' Lulju, 2022.
[22] A fol 98 sa 100.
[23] Dokument a fol 100.

**Rennie Mercieca**, in rappreżentanza ta' *Waste Serve*, xehed[24] dwar l-impjieg tal-attur magħhom u l-introjtu tiegħu. Jgħid li l-attur ilu impjegat magħhom mis-sebgħa (7) ta' Lulju, 2009 bl-aħħar introjtu tiegħu kien ta' ħimstax-il elf seba' mija u sebgħa u tmenin ewro (€15,787) net minn xi benefiċċji. Ippreżenta dokument rigward l-introjtu tal-attur tul is-snin.[25]

**SS**, il-konvenuta, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[26] Iddikjarat illi l-attur kellu l-vizzju tax-xorb u kien anke vjolenti. Tgħid li kommunikazzjoni bejniethom ma kienx baqa' u darba, f'mument ta' debbolezza, meta ġiet ittantata waqgħet għat-tentazzjoni u kellha relazzjoni ma' raġel ieħor. Tgħid li fl-istess żmien hija kien għadu jkollha relazzjonijiet intimi mal-attur. Tgħid li kien dan iż-żmien li skopriet li kienet tqila b'M. Tgħid li ma kinitx taf M hux tal-attur jew ta' dak ir-raġel l-ieħor. Tgħid li żammet dan id-dubbju għaliha għax kienet tibża' mill-attur. Tgħid li eventwalment hija u l-attur sseparaw. Tgħid li wara dan l-attur għamel it-test tal-paternità minn fejn irriżulta li huwa mhux missier M. Tiddikjara li lil M dejjem hi mantnietha għax l-attur kien jonfoq flusu mod ieħor. Tgħid li l-attur lilha dejjem nieqsa mill-flus ħalliha tant li kellha taħdem żewġ xogħlijiet. Tgħid li l-attur jinsab rikoverat b'kwistjonijiet ta' saħħa mentali minħabba l-vizzju tax-xorb.

## Ċ. Ikkunsidrat:

Illi b'din l-istanza l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuta, il-minuri MMCS, magħrufa bħala MS, kif rappreżentata mill-kuratur deputat, m'hijiex wild naturali tiegħu u huwa mhux il-missier naturali tagħha. Konsegwentement, qiegħed jitlob emmendi fl-att ta' twelid tal-

[24] A fol 101 sa 103.
[25] Dokument a fol 103.
[26] A fol 115 sa 116.

istess minuri kif ukoll il-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' valur li huwa jgħid li ħareġ minn butu b'mod inġustifikat sabiex mantna lill-istess minuri stante li dan għamlu waqt li huwa kien taħt l-impressjoni li din hija wild naturali tiegħu mentri dan m'huwiex minnu.

Min-naħa tagħha, il-konvenuta SS ma tinnegax li l-minuri msemmija mhijiex il-bint naturali tal-attur iżda tgħid, kif anke jgħid id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex, li kwalunkwe realtà bijoloġika waħedha m'ghandhiex tipprevali fuq il-preżunzjoni legali li hija bbażata fuq realtà familjari u soċjali li hi kompatibbli mal-pussess ta' stat u li, għalhekk; għalkemm hemm test xjentifiku li jista' jkun konklussiv, dan waħdu m'għandux ixejjen il-konklużjoni kuntrarja tal-preżunzjoni li ntlaħqet ai termini tal-Artikoli tmenin (80) u wieħed u tmenin (81) tal-Kodiċi Ċivili.

Rigward it-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tal-valur relattiv għall-manutenzjoni li l-attur jgħid li nefaq favur l-imsemmija minuri inġustament, il-konvenuta SS tirribatti li din it-talba hija infondata stante li, bħala l-persuna li tħaddan il-paternità legali, l-attur kellu l-obbligu li jipprovdi għall-manteniment tal-minuri skont il-liġi.

Il-kuratur tal-minuri MS jiddikjara li ma jsibx oġġezzjoni għat-talbiet tal-attur dment li l-minuri tkun ħielsa minn kull konsegwenza li dawn iġibu magħhom jekk jintlaqgħu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel xejn, il-Qorti tinnota li l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari mqajma mill-konvenuta SS, ossia, l-eċċezzjoni tan-nullità tal-kawża ai termini tal-Artikolu 789(1)(c) tal-Kap. 12, ġiet miċħuda

b'sentenza preliminari mogħtija nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju, 2016 bl-ispejjeż baqgħu riżervati għas-sentenza finali.[27]

Jibqa' għalhekk sabiex jiġu deċiżi t-talbiet tal-attur u l-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma.

It-talbiet tal-atturi jistgħu jiġu diviżi f'żewġ kategoriji: l-ewwel u t-tieni talba, li qed jitolbu dikjarazzjoni li l-minuri MS m'hijiex il-wild naturali tal-attur u, konsegwentement, ordni sabiex isiru l-emmendi relattivi għal tali dikjarazzjoni fl-att tat-twelid tagħha, u; it-tielet u r-raba' talbiet li bihom l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' valur attribwibbli għall-manteniment minnu ta' din il-minuri abbażi tal-argument li huwa mantna l-istess waqt li kien taħt l-impressjoni erronja li din hija wild naturali tiegħu meta fil-fatt jirriżulta li mhijiex.

**L-ewwel (1) u t-tieni (2) talba tal-attur:**

Relattivament għat-talbiet tal-attur li qed jitolbu dikjarazzjoni li l-minuri MS m'hijiex il-wild naturali tal-attur u ordni sabiex isiru l-emmendi relattivi għal tali dikjarazzjoni li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku jkollu jagħmel fl-att tat-twelid tagħha b'konsegwenza ta' tali dikjarazzjoni, il-Qorti tibda sabiex tirreferi għall-Artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16 li jipprovdu:

> **80.** *(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*
>
> *(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*

[27] Rik. Ġur. Nru. 29/2015 PC, sentenza preliminari mogħtija fl-ismijiet ta' din l-istanza nhar il-25 ta' Mejju, 2016, in atti a fol 39 sa 45.

*(a) f'każ ta' konjuġi illi żżewġu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

*(b) illi f'każ ta' tfal ta' konjuġi li jkunu żżewġu wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, it-tifel ikun ġieb dejjem l-Isem tal-Familja tal-miżżewġin li tagħhom hu jgħid li huwa l-iben;*

*(ċ) illi l-ġenituri jkunu trattawh bħala binhom, u, f'dik il-kwalità, ħasbu għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokawh;*

*(d) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

*(e) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja.*

**81.***(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu.*

Kif inhu magħruf, dawn l-artikoli jikkrejaw il-prezunzjoni legali bbażata fuq ir-realtajiet familjari u soċjali kif kompatibbli mal-pussess ta' stat bħala wild leġittimu mnissel jew imwieled matul iż-żwieġ.

Huwa għalhekk li hemm skorta ta' deċizjonijiet nostrani li jikkunsidraw il-pożizzjoni meħudha fir-risposti ġuramentati mressqa f'din l-istanza mill-konvenuta SS kif ukoll mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex fejn dawn jeċċepixxu li

kwalunkwe realtà bijoloġika waħedha m'għandhiex tipprevali fuq il-prezunzjoni legali li hija bbażata fuq realtà familjari u soċjali li hi kompatibbli mal-pussess ta' stat u li, għalhekk; għalkemm hemm test xjentifiku li jista' jkun konklussiv, dan waħdu m'għandux ixejjen il-konklużjoni kuntrarja tal-preżunzjoni li tintlaħaq ai termini tal-Artikoli 80 u 81 tal-Kodiċi Ċivili.

Madanakollu, dan ma jfissirx li l-attur ma setax jagħmel ir-rikors li għamel sabiex jiġi dikjarat li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri MS u li hija mhijiex il-wild naturali tiegħu.

Din il-possibilità infatti temani mill-Artikoli sebgħin 70 tal-Kap. 16, bil-partijiet ta' tali artikolu rilevanti għal dan il-każ jgħidu kif isegwi:

> **70.** *(1)* ***Kull konjuġi***, *ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild,* ***jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ*** *–*
>
> *[…] (d)* ***jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju*** *jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew*
>
> *(e)* ***jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi*** *li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.*
>
> *[…]*

[enfażi miżjuda]

Mid-diċitura u qari konġunt ta' dawn l-artikoli jirriżulta allura li għalkemm il-preżunzjoni li titwieled taħt l-Artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16 hija waħda intiża sabiex tipproteġi l-aħjar interess ta'

wild kif ukoll realtajiet familjari u soċjali kompatibbli mal-pussess ta' stat; tali preżunjoni hija waħda *juris tantum* u mhux *juris et de jure*[28] tant li l-Artikolu 70 tal-istess Kap. 16 huwa wieħed minn diversi artikoli li jagħtu d-dritt li jsiru talbiet kuntrarji, inkluż dawk vantati mill-attur. Tant hu hekk li l-istess Artikolu 70 jindika wkoll liem'huma l-provi li għandu jgib a sodisfazzjoni tal-Qorti l-attur sabiex jintlaqgħu it-talbiet tiegħu. Dawn huma:

i. jekk jipprova li tul iż-żwieġ il-konjuġi li wiled kien għamel adulterju; ***jew***

ii. jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifici li **x'aktarx** jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur [enfażi miżjuda].

Il-Qorti hawnhekk tibda sabiex tinnota li SS fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha tgħid li meta twieldet il-minuri MS hi u l-attur kien għadhom lanqas bdew proċeduri ta' separazzjoni. Tali dikjarazzjoni hija in linea ma dak ipprovdut fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 70 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem fuq twelid ta' wild <u>matul</u> iż-żwieġ. Dan apparti li l-paragrafi (d) u (e) tas-subartikolu u ġa ċitat jitkellmu fuq adulterju matul iż-żwieġ ***jew*** prova ta' xi fatt ieħor bħal riżultat ta' test xjentifiku u provi ġenetiċi li ***x'aktarx*** jeskludu lil xi parti bħala ġenitur.

Mill-provi mressqa quddiemha l-Qorti hija tal-fehma li t-test xjentifiku ġenetiku[29] li l-attur irrikorra għalih flimkien mar-rapport bir-riżultat li segwa kif jinsab in atti u kif ġie kkonfermat bil-ġurament minn Dr Marisa Cassar, kif ukoll mill-ammissjoni

---

[28] Ara, *inter alia,* id-deċiżjoni mogħtija nhar id-9 ta' Diċembru, 2002 fl-ismijiet ***Diane Lia pro et noe va Mohamed Melikechi et***, Prim'Awla, Rik. Ġur. Nru. 1300/1999/1 PS.

[29] Sa minn żmien ikkunsidrata bħala "il-prova reġina" f'każijiet bħal dan – ara, *inter alia;* AB vs CB pro et noe, deċiża mil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar il-31 ta' Mejju, 2022, Rik. Ġur. Nru. 245/2021 AL.

skjetta tal-konvenuta SS, kontenuta fl-affidavit tagħha u ċjoè li matul iż-żwieġ, u madwar iż-żmien li hija ħarġet tqila bil-minuri MS, hija kienet kkommettiet adulterju, kemm il-paragrafu (d) kif ukoll il-paragrafu (e) ġa msemmija *supra*, huma t-tnejn sodisfatti għalkemm m'hemmx għalfejn li jiġu t-tnejn sodisfatti flimkien billi ma humiex kumulattivi iżda alternattivi.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis li f'din il-kawża r-rekwiżiti tal-Artikolu 70 li jwasslu għall-esklużjoni tal-prezunzjoni taħt l-Artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16 ġew milħuqa. Din il-fehma hija msaħħa minn dak deċiż fil-kawża fl-ismijiet ***AB vs CB pro et noe et***[30] fejn ġie ritenut illi:

> *"B'referenza għat-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut li titkellem dwar il-pussess ta' stat tal-minuri G B ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jingħad illi "huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteġi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiż-żwieġ, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tiegħu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bħala iben l-istess konjugi".*
>
> *Din il-Qorti tirrileva illi l-azzjoni ta' denagata paternita' ittentata mill-attur hija waħda minn ħames (5) azzjonijiet permessibbli ai termini tal-liġi u ċjoe' sabiex tiġi attakkata l-paternita' tal-ulied, liema azzjonijiet huma s-segwenti:*
>
> *i. Ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-konjuġi li ma wellidx,*
> *ii. Ai termini tal-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni tista' ssir minn min ikollu interess,*
> *iii. Ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-allegat missier,*

[30] Deċiża fil-31 ta Mejju, 2022 mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Rik. Ġur. 245/2021 AL.

*iv.* *Ai termini tal-Artikolu 77B tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-omm, u*

*v.* *Ai termini tal-Artikolu 84 tal-Kodiċi Ċivili, liema azzjoni għandha tinbeda mill-iben innifsu.*

*A kuntrarju tal-azzjonijiet elenkati f'Artikoli 77 u 77A, dawk l-azzjonijiet imsemmija f'Artikoli 70, 77B u 84 tal-Kodiċi Ċivili, ma humiex subordinati għall-Artikolu 81 li jitratta l-kwistjoni tal-pussess ta' stat. Għaldaqstant, mingħajr ma din il-Qorti tidħol fil-mertu tal-presunzjoni legali tal-pussess ta' stat maħluqa permezz tal-Artikolu 81 tal-Kodiċi Ċivili u r-relevanza tal-istess fil-prezent, din il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-azzjoni odjerna hija bbazata fuq Artikolu 70 tal-Kodiċi Ċivili, liema artikolu tal-liġi ma huwiex subordinat għall-Artikolu 81, ma hemmx l-obbligu u n-neċċessita' li l-Qorti tevalwa u tikkumenta dwar tali kwistjoni. Għaldaqstant u fid-dawl tal-premess, il-Qorti tiċħad it-tielet (3) eċċezzjoni tad-Direttur konvenut.*[31]

Tenut ferm dan kollu jibqa' mbagħad għal Qorti sabiex tikkunsidra dak li jipprovdu s-subartikoli (5) u (8) tal-istess Artikolu 70 li jridu:

*(5) Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja)* ***għandha tiċħad ir-rikors jekk tqis li ċ-ċaħda tal-wild tkun tirriżulta f'effett kuntrarju konsiderevoli għall-aħjar interessi tal-wild minuri****, liema effett ma jkunx raġonevoli għal dak il-wild minuri, ukoll meta wieħed jikkunsidra l-ansjetajiet tal-persuna li għandha d-dritt li tagħmel tali rikors.*

*[…]*

*(8) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 73, jekk fis-sentenza tagħha l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-*

[31] Issir ukoll referenza għad-deċiżjoni mogħtija nhar it-22 ta' Novembru, 2021 fl-ismijiet ***Nazzareno Carabot vs Direttur Registru Pubbliku et***.

*Familja) tiddikjara illi konjuġi mhuwiex ġenitur naturali tal-wild, din għandha jkollha l-effett li tibdel il-kunjom tal-wild u tad-dixxendenti tiegħu sabiex jirrifletti dak il-kunjom tal-konjuġi l-ieħor biss,* ***salv jekk il-Qorti wara li tkun qieset iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, tipprovdi mod ieħor fl-istess sentenza****.*

[enfażi miżjuda]

Il-Qorti tibda sabiex tgħid li ebda kawża għal ċaħda ta' wild minuri li da parti tiegħu jkun jagħraf lil min qed jagħmel din it-talba bħala l-ġenitur tiegħu ma tista' qatt titqies li mhijiex b'xi mod kuntrarja għall-interess tat-tali minuri. Madanakollu, wieħed irid iqis ukoll iċ-ċirkostanzi u realtajiet kollha u dawk prevalenti ta' kull każ.

Fil-każ li għandha quddiemha llum din il-Qorti, omm il-minuri, l-konvenuta SS, ħarġet minn jeddha mid-dar matrimonjali u ħadet magħha lill-minuri MS. Jidher ukoll li l-istess konvenuta SS bdiet ħajja oħra ma' din il-minuri u terzi u li allura l-minuri MS hija diġà esposta għall-ħajja indipendenti mill-attur bħala r-raġel li kienet taf bħala missierha.

Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma thossx li billi tilqa' t-talbiet tal-attur ai termini tal-Artikolu 70 ser tkun qiegħda tirreka effett kuntrarju ***konsiderevoli*** għall-minuri. Madankollu però, tenut kont tal-eċċezzjonijiet imqajma mill-kuratur deputat għall-minuri MS kif ukoll billi tqis li fiċ-ċirkostanzi anke minħabba d-dimensjoni soċjali, kunjom il-minuri għandu jibqa' dak li hija magħrufa bih illum, u dan sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-minuri u ai termini tas-subartikolu tmienja (8) tal-Artikolu ġa msemmi li jagħti lill-Qorti l-fakoltà li tagħmel dan.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Mark Fenech Laudi vs Irina Fenech Laudi et noe***,[32] liema sentenza ġiet iċċitata mill-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha. Dak inhar il-Qorti qalet:

> *"Essentially, plaintiff produced the genetic tests that confirm that he is not the child's biological father, but these do not suffice for the purposes of Article 77(b) of the Civil Code. He pleads adultery, but this stands no ground as it has been confirmed by both parties that they married when the child was two years old and therefore any allegation of adultery is inconceivable. Hence, the genetic tests per se are not sufficient and cannot be considered to be conclusive evidence on the biological paternity of the child. Consequently, one of the requisites for proving of Article 77(b) does not subsist so it becomes untenable for plaintiff to proceed further on the grounds of Article 77(b) and therefore offers no prejudice to Article 81 of the Civil Code."*

Irid jingħad iżda li fil-każ odjern is-sitwazzjoni hija differenti stante li l-wild minuri twieldet fiż-żwieġ tal-attur u l-konvenuta SS u b'hekk seħħet il-prezunzjoni taħt Artikoli 80 u 81 tal-Kap. 16, liema preżunzjoni ġiet imxejna bil-prova ta' test tal-paternità prodotta mill-attur li xjentifikament teskludih bħala l-missier naturali tal-minuri M.

Fid-dawl ta' dawn il-konklużjonijiet il-Qorti tqis għalhekk li l-ewwel u t-tieni talbiet tal-attur huma ppruvati u ser tgħaddi sabiex tilqagħhom. Konsegwentement, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta SS kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku f'Għawdex ser tgħaddi sabiex tiċħadhom.

**It-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tal-attur**:

[32] Deċiża 30 ta' Mejju, 2019, Rik. Ġur. Nru 44/18 AGV

B'dawn it-talbiet tiegħu l-attur qiegħed jitlob il-likwidazzjoni u ħlas ta' valur attribwibbli għall-manteniment minnu tal-minuri MS abbażi tal-argument li huwa mantna lill-istess minuri waqt li kien taħt l-impressjoni żbaljata li din kienet wild naturali tiegħu meta fil-fatt jirriżulta li ma hijiex.

Għalkemm l-attur fl-affidavit tiegħu jillikwida dak li skontu għandu jkun dovut lilu fis-somma ta' tletin elf sitt mija u sittin ewro (€30,660) u jgħid li din is-somma wasal għaliha billi kkalkula li nefaq medja ta' tnax-il ewro (€12) kuljum għal seba' (7) snin, fit-talbiet tiegħu jħalli t-talba miftuħa għad-diskrezzjoni tal-Qorti billi jitlob lill-Qorti tillikwida l-ammont *arbitrio bono viri*.

Din il-Qorti tapprezza dak li jsostni l-attur tul il-proċeduri u fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu li huwa ma kienx ser iżomm riċevuti rigward l-infiq li jagħmel favur il-minuri MS meta huwa kien mingħalih li din hija bintu naturali u li huwa ma kien iħalliha nieqsa minn xejn iżda issa jħossu użat ġaladarba skopra li dan l-infiq kien qed isir favur persuna li ormaj jirrizulta li mhix il-wild naturali tiegħu.

Il-Qorti tapprezza wkoll l-insenjament li jipprevali fi skorta ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati nostrani, inkluż dawk kwotati fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attur, illi kulħadd iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu u li kull ħlas jissopponi dejn u dak li jitħallas bla ma jkollu jingħata jista' jintalab lura. Huwa minnu wkoll li missier għandu biss obbligu li jmatni u jrabbi l-ulied naturali tiegħu, u *dunque* jqum l-argument li f'każ li jirriżulta li xi wild mhuwiex naturali għall-missier, għandux dak il-missier ikun intitolat jitlob kumpens għal hekk imsejħa danni li jkun soffra, ossia, għall-infiq li jkun għamel favur u a benefiċċju ta' minuri li jirriżulta li mhux wild naturali tiegħu.

Fil-każ tagħna, però, il-Qorti ma tistax tinjora s-segwenti fatti importanti:

- il-minuri MS twieldet nhar l-għaxra (10) ta' Novembru, 2007[33];

- l-attur jiddikjara li huwa skopra li din il-minuri aktarx mhux il-wild naturali tiegħu meta l-istess kellha xi sentejn (2) jew tliet (3) snin,[34] u allura lejn l-2009 / l-2010;

- l-attur irrikorra għal test tal-paternità u għall-kawża odjerna fl-2015,[35] ossia, 'il fuq minn erba' (4) snin wara.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-subartikolu (1) tal-Artikolu 22 li jinsab fis-Sub Titolu II tal-Kap. 16, sezzjoni dwar il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u aħwa, u li jrid kif isegwi:

> **22.** *(1) Min ikun ta l-manteniment m'għandux jedd jitlob ir-radd ta' dak il-manteniment li jkun ta wara li tkun spiċċat ir-raġuni li għaliha kien obbligat għall-manteniment.*

Il-Qorti tapprezza li hawnhekk wieħed jista' jagħmel l-argument li f'dan il-każ ir-raġuni ma spiċċatx iżda qatt ma eżistit. Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma li ġaladarba huwa definit li l-artikoli li taħtha hija msejsa din il-kawża huma eċċezzjoni għall-preżunzjoni, mela allura, tul il-preżunzjoni u partikolarment fejn kien hemm rikonoxximent tal-wild minuri fuq att pubbliku, l-obbligu jista' jitqies li kien jeżisti u ġie terminat biss b'din id-deċiżjoni.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, tenut kont tar-rikonoxximent li kien hemm tal-minuri fuq l-att ta' twelid tagħha kif ukoll tar-

[33] Kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' twelid tagħha a fol 5.
[34] Kif jiddikjara waqt ix-xhieda bil-ġurament tiegħu mogħtija nhar il-21 ta' Lulju, 2022 — ara paġna 8 tat-traskrizzjoni tax-xhieda.
[35] Irreferi għad-data fuq ir-rapport tat-test xjentifiku a fol 7 kif ukoll għad-data tar-reġistrazzjoni tal-kawża.

rettiċenza murija mill-attur f'li jmexxi fuq id-dubbju li kellu qabel għadda tul konsiderevoli ta' żmien, din il-Qorti tqies li kien hemm akkwiexxenza mill-attur favur il-maġġor parti tal-versamenti li seta' għamel favur dik li kien iqies bħala bintu u li familjari tiegħu[36] juru biċ-ċar li għadhom iqiesu bħala tali. Tenut dan kollu din il-Qorti tqis li t-talba tal-attur għal-likwidazzjoni u konsegwenti ħlas ta' somma fir-rigward ta' manutenzjoni li seta' nkorra favur il-minuri MS bħala inġustifikata.

**Decide:**

Għaldaqstant, u in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i) Tiċħad it-tieni (2) eċċezzjoni tal-konvenuta SS;

ii) Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex;

iii) Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara illi l-minuri MMCS mhijiex il-bint naturali tal-attur u li l-attur mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri;

iv) Tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku f'Għawdex jagħmel l-emendi fl-att ta' twelid tal-minuri MMCS li jġib in-numru progressiv mitejn, ħamsa u sittin tal-elfejn u sebgħa (265/2007) billi jitneħħew is-segwenti dettalji: fil-kolonna li tirreferi għall-isem u kunjom il-missier l-isem 'JS'; il-karta tal-identità tiegħu '*****G'; l-età tiegħu '30'; il-post ta' twelid tiegħu 'Victoria (Għawdex), Malta'; ir-residenza tiegħu 'Victoria (Għawdex), Malta' u isem u kunjom missieru 'AS (alive)' u minflok iniżżel 'missier mhux magħruf'.

[36] Irreferi għax-xhieda ta' omm l-attur.

Tordna wkoll li kunjom il-minuri MMCS għandu jibqa' dak "S".

v) Tiċħad il-kumplament tat-talbiet tal-attur.

L-ispejjeż kollha tal-kawża, inkluż tas-sentenza preliminari tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju, 2016, għandhom jinqasmu ugwalment bejn l-attur u l-konvenuta SS.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur